PARLAMENT EWROPEW 2014 - 2019

12.1.2015 0002/2015

# DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-vjolenza fil-futbol u f'avvenimenti sportivi oħra

**José Blanco López (S&D), Elena Valenciano (S&D), Marc Tarabella (S&D), Esteban González Pons (PPE), Mercedes Bresso (S&D), Aldo Patriciello (PPE), Alessandra Moretti (S&D), Dietmar Köster (S&D), Virginie Rozière (S&D), Eric Andrieu (S&D), Ismail Ertug (S&D), Eider Gardiazabal Rubial (S&D), Izaskun Bilbao Barandica (ALDE), Fernando Maura Barandiarán (ALDE), Javier Nart (ALDE), Merja Kyllönen (GUE/NGL), Stefan Eck (GUE/NGL), Ivo Vajgl (ALDE), Marijana Petir (PPE), Francisco Assis (S&D), Fabio Massimo Castaldo (EFDD), Milan Zver (PPE), Clara Eugenia Aguilera García (S&D), Inmaculada Rodríguez-Piñero Fernández (S&D), Jordi Sebastià (Verts/ALE), Ernest Urtasun (Verts/ALE), Francesc Gambús (PPE), Santiago Fisas Ayxelà (PPE)**

Data ta' skadenza: 12.4.2015

**0002/2015**

**Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, kontra l-vjolenza fil-futbol u f'avvenimenti sportivi oħra**[1]

1. L-isport huwa sors ta' saħħa, edukazzjoni, taħriġ u rikkezza. Il-prattika tal-isport għandha effetti pożittivi fuq is-saħħa pubblika u tgħin biex tkisser il-firdiet fis-soċjetà filwaqt li tiġġenera attività ekonomika u impjiegi. Madankollu, l-isport għandu bżonn ta' protezzjoni mit-theddid li jiffaċċja.

2. Il-mewt ta' supporter tal-futbol f'Madrid mhijiex inċident iżolat. Fil-fatt, dan sfortunatament jerġa' jfakkarna li l-vjolenza għadha ħajja fid-dinja tal-futbol. Il-vjolenza fl-isport toffri theddida lill-UE peress li jeħtieġ li jkun hemm azzjoni qawwija u deċiżiva biex din tinqered.

3. L-Artikolu 165 tat-TFUE jagħti s-setgħa lill-UE li tappoġġja, tikkoordina u tissupplimenta l-azzjonijiet tal-Istati Membri relatati mal-politiki tal-isport, billi tiġi promossa l-kooperazzjoni bejn l-entitajiet responsabbli għall-isport u tiġi mħarsa l-integrità fizika u morali tal-atleti u s-supporters. Barra minn hekk, ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament tat-2 ta' Frar 2012 dwar id-Dimensjoni Ewropea fl-Isport[2] tagħmel sejħa sabiex persuni bi mġiba vjolenti jew diskriminatorja jiġu bbanjati mill-istadiums.

4. Il-Kummissjoni, għalhekk, qed tiġi mistiedna tagħmel pass 'il quddiem u tieħu azzjoni deċiżiva biex tippromwovi l-valur tal-isport u teqred kull forma ta' vjolenza, intolleranza, razziżmu u ksenofobija mill-futbol u mill-avvenimenti sportivi b'mod ġenerali.

5. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

[1] Bi qbil mal-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta d-dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.
[2] Testi adottati, P7_TA(2012)0025.